MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Talba Numru. 1697/2003

**Giovann Camilleri**

**vs**

**Joseph u Josephine konjugi Cassar**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta’ Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta’ elf, tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm1335.12) rapprezentanti ammont dovut ghar-rimpjazzar ta’ katusi difettuzi tal-ilma u drenagg u dan skond ir-rapport rilaxxjat mill-Perit A.V. Stivala B.Arch. A & CE u ai termini tal-att ta’ bejgh datat 22 ta’ Ottubru 1999 fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Spiteri.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 20 ta’ Marzu 2001 u 19 ta’ Frar 2002 u tal-ittra ufficjali datata Gunju 20002 u bl-imghaxijiet legali kollha sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew is-segwenti:-

1. Fl-ewwel lok in-nuqqas ta’ kompetenza stante li l-obbligazzjoni pretiza mill-atturi tohrog minn att pubbliku li fih valur li jissuoera l-kompetenza ta’ dan it-Tribunal.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju il-preskrizzjoni tal-azzjoni ai termini tal-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili.

3. Fil-mertu, l-ammont gia’ mhallas mill-eccipjenti ma jista’ qatt ikun izjed minn Lm400.00 kif jidher mill-att pubbliku tat-22 ta’ Ottubru 1999 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra s-sentenza preliminari tal-14 ta’ Novembru 2003 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Sema’ x-xhieda tal-attur, tal-Perit Atnhony Stivala, tal-konvenut Joseph Cassar u tal-avukat Joseph Giglio. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partjiet. Ra l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti fejn huma eccepew in-nuqqas ta’ relazzjoni guridika mal-attur stante li l-kuntratt ta-22 ta’ Ottubru 1999 li ssir refernza ghalih fl-Avviz tat-Talba sar bejnhom u bejn is-socjeta’ Dove Trading Company Limited.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partjiet.

Ikkunsidra:

Illi l-azzjoni attrici tirrigwarda talba sabiex il-konvenuti jadempixxi ma  obbligi minnhom assunti permezz ta’ kuntratt tat-22 ta’ Ottubru 1999 in atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri (kopja esebita a fol. 10 u 11 tal-process). Il-kontraenti fl-imsemmi att pubbliku kienu Dove Trading Company Limited u l-konvenuti. L-attur fil-kawza odjerna f’ismu personali ma kienx parti fl-imsemmi att pubbliku. Kwalsiasi obbligu assunt mill-konvenuti permezz ta’ dan l-

imsemmi kuntratt gie assunt fil-konfronti tas-socjeta’ Dove Trading Company Limited u mhux fil-konfront tal-attur odjern. Jirrizulta ghalhekk li l-konvneuti m’ghandhom ebda relazzjoni guridika mal-attur.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvneuti u konsegwentement billi jichad it-talbiet attrici fil-konfronti tal-konvenuti dan b’riserva ghal kwalsiasi dritt spettanti lis-socjeta’ Dove Trading Company Limited fil-konfronti tal-istess konvenuti u naxxenti mill-imsemmi kuntratt tat-22 ta’ Ottubru 1999.

L-ispejejs ta’ din l-istanza gahndhom jibqghu bla taxxa bejn il-partjiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------